**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2023**

**Rikors nru: 222/2017 AGV**

**OM**

**Vs**

**BM**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' OM datat 4 ta' Ottubru 2017 fejn ippremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996), fil-knisja tal-Madonna ta' Loretu, Gwardamangia ( ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. OM1).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom hamest (5) itfal u cioe' JM , B M , Je M , I u Is M., li twieldu fis-segwenti dati 8/3/1997, 19/8/1998, 13/7/2000, 14/8/2010 it-tewmin li minnhom minorenni Ja. u t-tewmin huma minorenni.

3. Illi l-konvenut rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli u dana sa mill-bidu taz-zwieg meta l-konvenut kien kellu intimita' ma' oht ir-rikorrenti li kienet ghadha minorenni f' dak iz-zmien u dana waqt it-tieni tqala tar-rikorrenti.

4. Illi l-konvenut rrenda l-hajja matrimonjali impossibbli ukoll minhabba adulterju u kif ukoll permezz ta' sevizzi, mohqrija, u theddid fil-konfront tal-istess attrici u dana peress li huwa qatt ma kien kapaci jikkomunika ma' martu u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

5. Illi minhabba f'dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn din l-wisq Onorabbli Qorti ( Digriet tal-awtorizzazjoni anness u mmarkat Dok OM2).

Ighid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minhabba tortijiet l-attrici sabiex tghix separatament minn mal-konvenut.

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri IS u IM f'idejn l-esponenti.

3. Takkorda access a favur il-konvenut missierhom li jkun jikkunsidra l-impenji skolastici u extra kurrikulari u x-xewqat tal-minuri.

4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghal-ulied IS u I M li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lil-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu/ jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dawk l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici.

6. Tillikwida manteniment adegwat ghall-attrici li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu / jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti iz-zieda fil-gholi tal-hajja.

7. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lil-attrici.

8. Ixxolji u tillikwida l-proprjeta' komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut huwa unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attrici u porzjon lill-konvenut *ope sententiam* billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tat-

tortijiet kommessi minnu b'konsgwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment, filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

9. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha dotali u /jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/ jew parafernali sudetti.

10. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u jew il-valur tal-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz.

11. Tillikwida l-valur tal-benefikati li saru fid-dar matrimonjali tal-partijiet u cioe' tal-fond **8/1 Penuel, Carmel Mallia Street, San Gwann** jekk hemm bzonn bl-opera ta perit nominandi.

12. Tordna lil-konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata in kwantu benefikati li sar fl-imsemmi fond.

13. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja.

14. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet fl-ewwel ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) fil-Knisja tal-Madonna ta' Loretu, Gwardamangia.

15. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif

ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.

16. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregista l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u tal- medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' BM li eccepixxa s-segwenti :-**

1. In kwantu diretta ghal dikjarazzjoni ta' firda, l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, b'dan pero' li l-firda ghandha tigi dikjarata li grat bi htijiet unikament tal-attrici minhabba diversi adulterji, sevizzji, mohqrija, theddid u ingurji kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. It-tieni talba attrici hija legalment infondata u ghandha tigi michuda billi b'din it-talba taghha l-attrici qed titlob li din il-Qorti tifred lill-ahwa minuri JM, IS M u IM, kemm bejniethom, u anke mal-bqija tal-ahwa, li ghadhom jghixu lkoll flimkien fid-dar taz-zwieg.

Din il-firda assolutament mhix fl-interess tal-ulied minuri, partikolarment tal-minuri IS. M u I M, anke ghaliex l-attrici ghandha prioritajiet ohra f'hajjitha li ma jinkludux lill-istess ulied, u dan kif ser jigi pruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza. Il-kura u l-kustodja tat-tlett ulied minuri tal-partijiet ghandha ghalhekk tigi fdata f'idejn l-eccepjent, okkorrendo b'jedd ta' access favur l-attrici.

3. Konsegwentement, anke t-tielet talba attrici mhix fl-ahjar interess tal-minuri Ja. , Is. I, ahwa M, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

4. Minghajr pregudizzju, jekk din il-Qorti jidhrilha li ghandha tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri IS M u IM lill-attrici, din ghandha tkun konguntivament mal-eccepjent, b'arrangament ekwu, fl-interess tal-istess minuri, biex ikomplu jitrabbew mal-bqija ta' huthom, u mal-eccepjent ukoll, kif gara sal-lum.

5. Kwantu ghar-raba' talba attrici, din it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi tfisser li l-eccepjent jikkontribwixxi sehmu ghall-ghixien tal-izghar zewgt ulied, jekk dawn jigu fdati fil-kura u l-kustodja esklussiva tal-attrici, filwaqt li hija ma tikkontribwixxi xejn ghall-ghixien tal-bqija tal-ulied, inkluz tal-wild minuri, li ser jibqghu jabitaw mal-eccepjent.

Ghall-kuntrarju, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jekk din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri IS M u I M lill-attrici, il-kontribuzzjoni dovuta mill-eccepjent ghall-ghixien taghhom ghandha titqies pacuta mal-kontribuzzjoni dovuta mill-attrici lill-eccepjent ghall-ghixien tal-bqija tal-ulied, jew min minnhom.

6. Il-hames u s-seba' talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, billi l-eccepjent ma jahti bl-ebda mod ghall-firda bejn il-kontendenti.

7. Anke s-sitt talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi l-attrici ddekadiet mill-jedd li titlob jew tircievi l-manteniment minghand l-eccepjent minhabba fid-diversi adulterji li wettqet fiz-zwieg, bil-habi tal-eccepjent, u li sar jaf bihom biss ricentement.

8. L-eccepjent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-attrici ghandha tigi xjolta, u li l-konsistenza taghha ghandha tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet mhux ugwali billi bl-adulterji taghha l-attrici tilfet il-jedd taghha fuq l-akkwisti li saru fiz-zwieg bil-hidma tal-eccepjent. L-eccepjent pero' ma jaqbilx li tehtieg in-nomina ta' Nutar biex jippublika att bl-effetti tas-sentenza, billi l-gudikat jista' jigi registrat ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi minghajr il-pubblikazzjoni ta' att notarili.

9. Id-disa' u l-ghaxar talbiet attrici huma legalment u fattwalment infondati, billi l-eccepjent ma ghandu xejn fil-pussess tieghu li jappartjeni lill-attrici wahedha, u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

10. Anke l-hdax u t-tnax-il talba tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-benefikati kollha li saru fid-dar taz-zwieg, li hija proprjeta' parafernali tal-eccepjent, saru bl-akkwisti li ghamel l-eccepjent bil-hidma tieghu tul iz-zwieg, bil-kontribut fiziku tieghu, u bl-assistenza tal-familjari tieghu, u konsegwentement l-eccepjent ma ghandu jhallasha xejn.

11. L-erbatax-il talba attrici hija wkoll bla bazi legali u fattwali, billi prezentement ma jirrikorrux l-elementi mehtiega bil-ligi ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

***<u>Kontro Talba</u>***

L-eccipjent konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni jaghmel kontro-talbiet u ghalhekk jippremetti u bil-gurament tieghu jiddikjara li jaf personalment:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-knisja tal-Madonna ta’ Loretu, Gwardamangia, fl-1 ta’ Mejju 1996 u z-zwieg taghhom jinsab registrat fir-Registru Pubbliku bic-Certifikat taz-Zwieg numru 485/1996.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu hamest ulied, JM li ghandu 20 sena, BM, li ghandu 19-il sena u fi hsiebu jkompli jistudja, JA M li ghandha 17-il sena u ghadha tistudja, u t-tewmin IS u I M li ghandhom 7 snin.

Illi l-attrici rikonvenzjonata OM irrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-eccepjent ta' diversi adulterji, fosthom l-aktar wiehed ricenti mar-ragel ta’ oht l-eccepjent JV u liema relazzjoni adultera ghadha ghaddejja sal-lum, eccessi, mohqrija, theddid, u offizi gravi, u f’kull kaz il-hajja tal-kontendenti flimkien ma ghadhiex possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabilment, bi htija tal-istess attrici rikonvenzjonata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh tal-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista’ tirrizulta mehtiega, l-eccepjent rikonvenzjonant jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha:-

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici.

2. tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri JA M , Is. M u I M lill-eccipjent rikonvenzjonant, okkorrendo bi dritt ta’ access favur l-attrici, bid-divjet assolut li din tesponihom direttament jew indirettament ghas-siehba taghha, u b’mod

partikolari ghar-relazzjoni incestwali taghha ma' JV , u bl-ordni cara li meta l-attrici ma tkunx tista' zzomm lill-imsemmija minuri, jew lil min minnhom, fil-kura personali taghha, l-istess minuri ghandhom ikunu fil-kura tal-eccepjent jew tal-bqija ta' huthom.

3. tikkundanna lill-attrici thallas lill-eccipjent rikonvenzjonant retta alimentari mensili b'kontribuzzjoni ghall-ghixien tal-ulied li skond il-ligi ghandhom jedd ghall-hlas tal-manteniment, liema retta alimentari ghandha tkopri l-htijiet kollha tal-ulied inkluz dawk edukattivi u medici, u liema hlas ghandu jsir direttament mill-principal tal-attrici fil-kont bankarju tal-eccipjent rikonvenzjonant, filwaqt li tipprovdi kif l-istess retta alimentari ghandha tizdied perjodikament biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u z-zieda maz-zmien fil-bzonnijiet tal-ulied.

4. tiddikjara li l-appartament internament markat bin-numru wiehed (1), fil-blokk bin-numru 8 u jismu Penuel, fi Triq Carmel Mallia, San Gwann, huwa proprjeta' parafernali tal-eccipjent rikonvenzjonant, u li m'ghandux jitqies aktar bhala d-dar taz-zwieg tal-kontendenti.

5. konsegwentement, tiddikjara li l-attrici m'ghandhiex jedd tibqa' tokkupa l-imsemmi appartament, u tordnalha tizgombra minnu fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tistabilixxi ghal dak l-iskop, filwaqt li tawtorizza lill-eccepjent rikonvenzjonant jibdel is-serraturi tal-istess fond.

6. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha bejn l-eccepjent rikonvenzjonant u l-attrici, u tassenja l-parti spettanti lil kull naha: b'dan li l-attrici, minhabba l-htijiet taghha u b'applikazzjoni tal-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili, m'ghandhiex

tinghata sehem mill-akkwisti maghmula mill-eccipjent rikonvenzjonant minn dik id-data li tistabilixxi din il-Qorti.

7. tikkundanna lill-attrici sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, tikkonsenja lill-eccipjent rikonvenzjonant l-oggetti kollha parafernali, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundannaha thallas lill-eccipjent rikonvenzjonant il-valur taghhom, okkorrendo permezz ta' perit nominat ghal dan l-iskop.

8. tiddikjara li l-attrici rikonvenzjonata ddekadiet minn kull dritt li titlob jew tircievi manteniment minghand l-eccipjent rikonvenzjonant.

9. tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata d-disposizzjonijiet tal-artikoli tmienja u erbghin (48), wiehed u hamsin (51), tnejn u hamsin (52) u tlieta u hamsin (53) tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull rimedju u jedd ta' azzjoni iehor kompetenti lill-eccepjent rikonvenzjonant kontra l-attrici.

**Rat ir-Risposta guramentata ta' O M  fejn eccepiet is-segwenti:-**

1. Dwar l-ewwel talba, l-esponenti taqbel mal-ewwel talba b'dana li r-responsabbilita ghat tifrik ta' dan iz-zwieg u t-tortijiet huma attribwibbli unikament lill-konvenut rikonvenzjonat kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. <u>Dwar it-tieni talba:</u> din it-talba ghandha tigi michuda in kwantu talba kura u kustodja ghas-segwenti ragunijiet:-

i) Peress li l-esponenti tikkontendi li l-ulied minuri I S u I M ghandhom ikunu residenti ordinarjament maghha.

ii) Illi l-iskopijiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma biss li ma jhallasx manteniment ghall uliedu u xejn aktar.

iii) Illi oltre hekk Jaelle ghandha sbatax (17) il-sena u nofs ghalhekk il-kura u kustodja taghha ghandha se mai tibqa kongunta.

In kwantu t-talba tad-divjet assolut li l-ulied jiltaqghu maz-ziju taghhom JV din ghandha tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet:-

i. Mhux fl-interess tal-ulied li jiccahdu mill-uniku ziju taghhom li mieghu ghandhom relazzjoni tajba hafna u li dejjem gawdewh u qatt ma ccahhdu minnu u baqghu jigu esposti mill-konvenut rikonvenzjonant ghalih minghajr restrizzjoni.

ii. Illi ma tezisti ebda raguni l-ghala ghandu jkun hemm divjet assolut ghal-JV u dana peress li huwa persuna tal-affari taghha u ma hemm ebda cirkostanza li tista timmerita divjet u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

iii. Illi in oltre l-kelma incestwali hija fizzjoni—ghax l-attrici rikonvenzjonata u l-imsemmi JV ma jigux minn xulxin, huwa l-konvenut rikonvenzjonant u ohtu li huma ahwa.

iv. Illi l-allegat relazzjoni trid tigi ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u sakemm dan ma jsirx allura tibqa nfondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Dwar it-tielet talba: Din ghandha tigi michuda u dana peress illi l-ebda manteniment ma hu ser ikun dovut mill-attrici lil konvenut u dana kif mitlub u premess fir-rikors mahluf li pprezentat l-attrici rikonvenzjonata; anzi ghandu jkun il-konvenut rikonvenzjonant li jhallas manteniment lill-attrici ghall-ulied.

4. Dwar ir-raba talba: l-attrici taqbel li l-fond matrimonjali huwa proprjeta' parafernali tal-konvenut pero' ghandha rizerva ghall-kumpens dovut lilha tal-benefikati li saru fiz-zwieg mill-partijiet u dana kif dedott ahjar fil-premessi u t-talbiet tar-rikors mahluf.

5. <u>Dwar il-hames talba:</u> illi ma hemm ebda raguni l-ghala l-esponenti ghandha tigi zgumbrata izda huwa l-konvenut rikonvenzjonant li ghandu jigi zgumbrat minhabba l-agir abbuziv tieghu inkwantu molestja, theddid, sevizzi u ingurji u sistema ta' dittatorjat li l-esponenti kellha tghix fiha ghall diversi snin li ghandha twassal ghal tali zgombru tal-konvenut u li rrendiet il- hajja matrimonjali taht l-istess saqaf fi stat imwieri u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

6. Dwar is-sitt talba: l-esponenti tikkontendi li din it-talba ghandha tigi milqugha nkwantu l-kommunjoni tal-akkwisti tigi likwidata u xolta izda michuda nkwantu qieghed jintalab li hija ma tinghatax sehem mill-komunjoni tal-akkwisti u dana peress illi l-htijiet ghall-firda fiz-zwieg huma attribwibbli lill-konvenut rikonvenzjonant u ghalhekk l-artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut rikonvenzjonant.

7. <u>Dwar is-seba' talba:</u> l-esponenti ma ghandha ebda oggetti parafernali flus jew krediti fil-pussess taghha li jappartjenu lill-konvenut rikonvenzjonant anzi huwa hu li ghandu jirrestitwixxi lilha dawn il-krediti u oggetti kif mitlub fir-rikors mahluf u l-premessi u t-talbiet hemmhekk dedotti.

8. Dwar it-tmien talba: illi din ghandha tigi michuda in kwantu l-konvenut rikonvenzjonant irid jipprova r-raguni tad-dekadenza sal-grad rikjest mil-ligi u nkwantu huwa hu li ddekada minn tali drittijiet ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

9. Dwar id-disa' talba: din ghandha tigi michuda nkwantu hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u dawn l-artikoli ghadhom jigu applikati kontra l-konvenut rikonvenzjonant kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-konvenut rikonvenzjonant li hu minn issa ngunt ghas-subizzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

**FATTI**

Il-partijiet iltaqghu meta kienu ghadhom teenagers zghar u l-gherusija damet cirka tmien snin.

L-attrici tispjega li prattikament ftit wara li zzewgu kienet harget tqila bl-ewwel wild u kienu ddecidew li ghandha tieqaf tahdem. Imbaghad xi hames xhur wara li twieled regghet harget tqila bit-tieni wild.

Kellha ohtha li kienet hdax-il sena izghar minnha li kienet tmur ghandhom biex tghinha bit-tifel peress li t-tieni tqala ma tantx kienet wahda tajba. Kien f'dan iz-zmien li bdiet tissuspetta li kien hemm xi haga stramba ghaddejja gewwa darha u dan wara li semghet lil ohtha taghmel hoss stramb qisha qed titkaza, imma tidhak fl-istess hin. Imbaghad bdiet tinduna li ohtha kienet bdiet tevita li tmur ghandha. Meta kkonfrontat lill-konvenut dan ammetta maghha li kien qed juri l-parti tieghu lil ohtha. Tghid li ma setghetx temmen b'dak li kien qed jigri. Ippruvat ma toqghodx thewden, imma kien difficli ghaliha, izda ghamlet l-almu taghha minhabba l-familja.

Ftit wara kienet regghet harget tqila bit-tielet wild u kienet hasda ghaliha. Dak il-perjodu kien difficli hafna ghalihom ghaliex ma kellhomx hafna flus, ghalkemm il-konvenut kien jahdem full-time. Kien ighidilha sabiex titlob flus lil ommu, izda ma kinitx ghamlet hekk peress li kienet tippretendi li kellu jitlobha l-konvenut stess.

Ftit gimghat qabel ma twieldet it-tielet wild marru joqoghdu fil-post taghhom San Gwann li kienu bnew flimkien. Il-flus kienu servew sabiex xtraw il-materjal ghall-bini u jhallsu l-bennej, permessi, ilestu t-tikhil u tibjid. Il-bqija d-dar kienet vojta u bl-ghajnuna t'ommha kienet ghamlet il-purtieri u anke l-bedspreads.

Sadanittant, it-tfal bdew jitfarfru u bdew l-iskola u kienet iddejqet id-dar trabbi biss, ghaliex kienet dejjem maghhom, ma kellhomx hajja socjali u lanqas biss kien hemm komunikazzjoni bejniethom u ghalhekk iddecidiet tmur tahdem.

Bdiet  tahdem part-time fuq diversi xogholijiet u anke kienet bdiet taghti lezzjonijiet tal-vjolin. Meta t-tifla minuri kellha erba' snin, kienet bdiet tipprattika l-vjolin bis-serjeta' u spiccat dahlet tifforma parti minn nazzjonal. Bdiet anke

tistudja l-vjolin b'mod intens. Tispjega li l-konvenut ma kienx ha gost li kienet bdiet tiddedika hin idoqq il-vjolin u man-nazzjonal ghax ma kienx irendi. Rari kien jattendi l-kuncerti.

Iktar ma l-attrici kienet tqatta' hin tistudja u ddoqq u anke tahdem, ghax bdiet tahdem fit-tigijiet u f'xi okkazzjonijiet ohra, iktar il-konvenut bired minnha. Kellha taqta' ukoll mill-komunita' li kienu jattendu ghax kellha bizzejjed x'taghmel. F'dan il-perjodu ukoll ftit li xejn kienu jitkellmu, anzi kienu jevitaw lil xulxin.

L-attrici ssemmi li kien hemm okkazzjonijiet fejn kellha suspetti li zewgha kellu wicc haddiehor u kkonfrontatu fuqhom, izda kien jinnega. Tghid li l-konvenut ukoll kien beda jissuspetta li kellha kunfidenzi zejda mal-ghalliem taghha tal-vjolin.

Kien beda jghajjarha u jinfluenza lit-tfal li l-vjolin kien jigi qablu. Kien ikollha filghaxijiet man-Nazzjonal ghal xi saghtejn kull darba u kien ikollha xi kuncerti darba fil-weekend.

Tammetti li f'Dicembru, 2009 kien hemm xi hadd li fixkilha ghax ried relazzjoni maghha, izda kienet *down* hafna ghax mar-ragel kienet thossha rigida hafna u l-konvenut qatt ma ried jitkellem dwar dina l-problema.

Xi sena wara li kien ilhom ma jkunu intimi, regghu kellhom xi relazzjonijiet u l-attrici kienet spiccat tqila b'tewmin. L-attrici tammetti li kienet ferhana hafna u ddecidiet li ma kinitx ser tahdem u tistudja u minflok tiddedika l-hin taghha ghat-tewmin. Pero' t-trobbija ta' hamest itfal kienet difficli hafna peress li l-finanzi kienu limitati, Ma setghux jaghmlu kapricci ta' xejn u lanqas ma kellhom biex

ighaddu tlett gimghat. L-attrici tghid ukoll li d-dar kienet ghadha vojta hafna ukoll. Lanqas kellhom flus sabiex taghmel snienha ta' quddiem li kienet kisret.

Ghalhekk meta t-tewmin bdew l-iskola kienet reghhet harget tahdem sabiex tipprova tkampi bl-ispejjes. Minkejja li l-konvenut m'ghamel xejn biex ighin bhal mar jahdem part-time, kien beda ghal darb'ohra jghajjarha ghax kienet tippreferi l-vjolin minnu.

Issemmi li kien hemm darba fejn kienet sabet flixkun zghir mohbi fil-kcina u meta staqsiet lill-konvenut x'kien kien qallha li kien xtara sustanza minn fuq l-internet biex iqajjimha sesswalment. Kienet hadet ghaliha bil-kbir, tant li kienet spiccat tiftah qalbha mal-konfessur habib tal-familja Patri Piju. Kienet indunat li l-konvenut kien beda jaqralha l-emails u ghalhekk bdiet taghmel minn kollox sabiex tevita li jsibilha l-messaggi li kienet tibghat lill-hbieb u meta nduna qala' pandemonju shih. Kien beda rega' jissusspetta li kellha wicc haddiehor.

L-attrici tishaq li bdiet tfittex l-ghajnuna kullimkien minn marriage counsellor, it-tabib tal-familja u anke katekisti hbieb u kienet tiehu lill-konvenut maghha, izda ma rrizulta xejn tajjeb.

Kien wara btala li marru flimkien ma' oht il-konvenut, li l-attrici ddecidiet li ma setghetx tkompli tghix f'din il-hajja u kienet fethet qalbha mar-ragel t'oht il-konvenut u kkonfrontat lill-konvenut u spicca nqala' infern u wahhal fiha. Kienet ommha li kienet irreferietha ghand C u T M maghhom setghet tiftah qalbha u kienu jifhmuha. Dawn kienu tawha parir sabiex tkellem lil S.O.A.R u hekk ghamlet.

Pero' l-konvenut kien sar iktar ghajjur minn qatt qabel u kien hemm incident fejn kienet marret tixtri u kien mar isegwiha fis-supermarket u ghamel xenata

hemmhekk u hebb ghaliha.[1] Kien it-triq kollha sad-dar ighajjarha u jtiha. Kienu spiccaw intervjenew il-genituri rispettivi taghhom.

Kien f'dan iz-zmien li oht l-attrici kienet qaltilha x'kien jaghmilha l-konvenut. Wara parir minghand C  l-counsellor u R  katekista, kienu ddecidew li jmorru jitkellmu mal-konvenut, imma kien aggressiv mal-genituri taghha. Kienet marret ippruvat ukoll it-terapija ta' emotional stress relief u minn hemm intebhet li ma kellhomx triq ohra hlief li jipprocedu bis-separazzjoni, minkejja li l-konvenut ried li jergghu jippruvaw.

Minn meta l-attrici kienet bdiet il-proceduri ta' separazzjoni, tghid li l-konvenut iktar  ghamlilha hajjtiha infern. Kien beda jipprova jghawwi t-tfal kontriha, beda jikkontrolla l-uzu ta' affarijiet elettrici biex ma tahlix dawl.

Tishaq li tinstab irrabjata peress li l-konvenut jaf jirrecta, ghax qatt ma kien juri interess fit-tfal daqs kemm kien qed jaghmel dan l-ahhar xhur. Qabel dejjem kienet hi prezenti ghat-tfal u twassalhom kullimkien u taghmel l-homework maghhom.

Jipprova jimpressjona ukoll li qed jaghmel hafna facendi d-dar, imur jixtri u jahsel il-hwejjeg, izda dan jaghmlu ghalih  biss u ghat-tfal u jekk jixtri jixtri l-iktar ghaliha u lanqas jahsel il-hwejjeg taghha, ghax ighid li jitqazzizhom.

L-attrici tinsisti li l-konvenut mhux kapaci jiehu hsieb it-tfal, ghax jammetti hu stess li ma jiddedikax hin maghhom ghal dak li jirrigwarda l-iskola u anke tinvolvihom f'attivitajiet muzikali li jiehdu gost.

---

[1] Dok. D anness mal-affidavit tal-attrici.

L-attrici tinsisti li qed thossha mbezza’ minhabba t-theddid u aggressjoni tal-konvenut u l-fatt li qed thossha ppersegwitatha minnu.

L-attrici tghid li s-sitwazzjoni d-dar saret intollerabbli minhabba l-hmieg tal-kelb li ghandhom u minhabba l-problema tal-moffa eccessiva mad-dar.

In kontro-ezami l-attrici tikkonferma li kienet ilha f’relazzjoni ma’ JV , li kien mizzewweg lil oht il-konvenut. Kienu familja, izda mbaghad kienet fethet qalbha mieghu peress li kienet taf li kellu xi proprjeta’ li jikri forsi kien ikollha fejn tmur jekk iddecidiet li titlaq mid-dar.

Tghid li r-relazzjoni taghhom bdiet meta marru jghixu flimkien ghal xi tmien xhur fil-post taghha l-Marsa u mbaghad ghamlu sena fil-post ta’ J f’San Giljan.

Dwar meta l-konvenut kien sabhom fil-garaxx ta’ V , kienet marret ghandu ghax kienet hadet xi affarijiet mid-dar u kien offra li jzommhomlha.

Dwar ir-relazzjoni mat-tfal zghar tghid li m’ghandhiex problemi u tehodhom l-iskola u mbaghad joqghodu ghandha sa fil-ghaxija. Fil-weekends jirrangaw il-hinijiet bejn il-Gimgha u s-Sibt.

Fuq ir-relazzjoniiet intimi mal-konvenut, l-attrici tghid li qatt ma kienu sew u kien ighajjarha li kienet *cold,* tant li bdiet tiffissa li verament seta’ kellha problema.

Tikkonferma li d-dar matrimonjali kienet parafernali tar-ragel ghax kienet inghatatlu b’donazzjoni mill-genituri tieghu. Kienet ghalqa u kienu ghamlu hafna xoghol fiha, kif ukoll il-konvenut wahdu.

**Il-konvenut** jixhed dwar l-gherusija taghhom u jghid li kienu ltaqghu waqt pellegrinagg fil-laqgha tal-Papa maz-zghazagh u dan peress li kienu attivi f'attivitajiet religjuzi.

Jikkonferma li zzewwgu fl-1 ta' Mejju, 1996 u jghid li mis-sena 1995 kien jahdem fl-installazzjonijiet tal-liftijiet, imbaghad wara l-2003 kien beda jahdem mat-Titan International.

Ighid li meta zzewwgu ghal bidu kienu marru jghixu fil-post tal-villeggjatura tan-nannu tal-attrici f'Bugibba. Jispjega li kien ghamel xoghol f'dan il-post biex irendih abitabbli u sadanittant hu, flimkien ma' missieru u sieheb missieru, kienu lestew il-bini tal-appartament f'San Gwann fejn ghadu jghix hemm sallum flimkien ma' uliedu. Kien bnieh fuq l-art li kienu tawh il-genituri b'donazzjoni. Ighid li x-xoghol tad-dawl, ilma, drenagg, zebgha u l-bqija tax-xoghol kien ghamlu hu jew xi kuntratturi li hallashom hu.  Ommu kienet tatu Lm4,000 ghall-kcina donazzjoni.

Jametti li waqt li l-attrici kienet tqila bit-tieni wild taghhom kien dahal f'kunfidenzi zejda ma' oht l-attrici, imbaghad wara kien iddispjacih hafna, tant li kien beda jaghmel minn kollox sabiex jikkuntenta lill-attrici peress kien jaf li weggaghha.

Jishaq li l-problemi bdew meta l-attrici kienet iddecidiet li tinghaqad mal-kor tal-Knisja ta' San Gwann. Il-konvenut kien accetta ghall-bidu, izda mbaghad kienet bdiet tiehu lezzjonijiet tal-vjolin minghand certu M  li kien idoqq fl-orkestra nazzjonali u dan kien heggigha iddoqq ukoll fil-knejjes u anke fl-orkestra. Il-konvenut jammetti li ma tantx kien kuntent meta beda jara li l-attrici kienet bdiet tinbidel, kienet iktar bierda minnu u mit-tfal u kienet mohhha biex iddoqq. Kienu

spiccaw li hu jidhol lura d-dar minn gurnata xoghol u l-attrici kienet tohrog tahdem.

Peress li l-glied bejniethom kien zdied, kienu tkellmu mal-komunita' Neokatekumeni li taghha kienu jiffurmaw parti u kienu talbu parir. Dawn kienu ssuggerew li l-attrici ghandha tieqaf milli ddoqq il-vjolin, izda rrifjutat u minflok telqet mill-komunita' u hekk ghamel il-konvenut. Kien beda mbaghad jakkumpanjaha ghall-festi fejn kienet idoqq u anke ghall-kuncerti u dan biex ikun maghha. Kien ipprova kemm il-darba jikkonvinciha sabiex tieqaf tahdem u terga' tiddedika l-hin ghall-familja. Jghid li anke r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu waqqfu.

Dan kien ghal xejn ghax l-attrici mbaghad iddecidiet li tibda tistudja l-muzika l-Universita' fuq bazi full-time. Kienu jargumentaw hafna f'dan il-perjodu peress li kien zmien difficli ghalihom. Beda ukoll jissuspetta li kellha xi relazzjoni ma' dan M li kien qed ighallimha l-vjolin u anke ma' certu S S ghax kien ralha xi messaggi.

Fl-2009 l-attrici kienet qaltlu li kienet regghet harget tqila u kien hadha bhala xokk peress li kienu zmien ma jkollhom relazzjonijiet bejniethom, pero' jghidli l-attrici kkonvincietu li t-tewmin kienu tieghu.

Jaqbel mal-attrici li dina t-tqala waslet biex ir-relazzjoni bejniethom tjiebet. L-attrici ddecidiet li twaqqaf il-kors tal-Universita' u anke kienet naqset hafna mid-daqq tal-vjolin.

Imma dan il-ferh ma tantx dam ghaliex meta l-attrici kienet ghamlet operazzjoni fl-utru kien sabilha messaggi minghand JV , ir-ragel t'ohtu u kien ikkonfrontaha fuqhom u kien sab li dawn il-messaggi kienu naqsu. Kienet imbaghad ammettiet

mieghu li kellha relazzjoni ma' tlett irgiel ohra fiz-zwieg. Kien anke sabilha xi tlett mobiles ohra u dan kien qajjem hafna iktar suspetti.

Jispjega li s-sitwazzjoni kienet saret difficli hafna peress li kien hemm hames itfal u kollha jiddependu minnu u bil-paga tieghu. Kellu hafna pressjoni u jghid li fl-14 ta' Gunju, 2014 kellu attakk ta' qalb.

Isemmi li r-relazzjoni bejn l-attrici u JV iktar harget fil-berah wara li marru btala mal-familja tal-konvenut u l-attrici prattikament qattghet iktar hin ma' V milli mieghu. Ir-relazzjoni bejniethom baqghet ghaddejja u kien anke segwiha fil-15 ta' Lulju, 2017 fejn marret hdejn V gewwa garaxx li kellu n-Naxxar. Ikkonferma li kien segwihom diversi drabi u kienu jiltaqghu f'dan il-garaxx.

Ighid li l-attrici kienet garret diversi oggetti mid-dar matrimonjali u f'okkazzjoni minnhom meta kien mar ghamel xenata sabiex V u l-attrici johorgu minn gol-garaxx u kellhom jidhlu l-pulizija kien talabhom sabiex jiehu xi oggetti li kienet hadet l-attrici mid-dar u kienu fil-karozza.

Ighid li sar jaf li V u huh kienu xtraw proprjeta' Attard sabiex tmur tghix l-attrici, u saret taf bih ohtu, li sadanittant kienet ukoll bdiet proceduri ta' separazzjoni kontra V.

Il-konvenut jikkonferma li l-paga tieghu tammonta ghal €19,000 gross u l-loans tad-dar dejjem hallashom. Ighid li dejjem hallas ghall-ispejjez tal-appartament. Il-paga tieghu jistqarr kienet tmur f'kont kongunt, filwaqt li l-attrici qatt ma tatu soddisfazzjon fuq il-kontijiet bankjarji taghha. Ikkonferma ukoll li l-loan fuq id-dar kien thallas kollu. Hafna spejjes ghall-materjal u xoghol kienu jinhargu mil-loan. In kontro-ezami ukoll jikkonferma li d-dar ghadha mhux kompluta u lanqas ghandha bibien.

Jikkonferma li l-attrici thallas l-uniformijiet, kienet anke hallset il-hwejjeg tal-grizma ta' Isaac u anke l-ispejjes tad-dentist.

**Joseph Theuma**, missier l-attrici jsostni li ghall-bidu l-kontendenti kienu jidhru ferhanin u kien jaqbel hafna maghhom. Imma maz-zmien kienu bdew jiggieldu fuq kollox u l-iktar dizgwid li kien ikun hemm kien fuq il-fatt li l-attrici kienet bdiet iddoqq il-vjolin u kienet tiehu sehem fil-knejjes fiz-zmien il-festi u anke bdiet tistudja l-universita'. Kellha taghmel hekk sabiex tghin lill-familja finanzjarjament peress li kienu nieqsin mill-flus.

Ikkonferma ukoll li l-attrici ghall-bidu ma kinitx fethet qalbha maghhom, izda sa fl-ahhar kienet tkellmet ma' ommha bil-problemi li kellhom. Kienet ohtha li kkonfermat li l-konvenut kien abbuza minnha meta kienet izghar u peress li kien ghadda z-zmien, kienu ddecidew li ma jikkonfrontawhx sabiex jevitaw l-inkwiet. Maz-zmien jikkonferma ukoll li l-konvenut kien inbidel u sar aggressiv hafna. Isemmi l-incident li sehh fit-8 ta' Settembru, 2016 fejn hebb ghall-attrici u meta marru d-dar taghhom sabiex jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, kien ipprova jaghmel ghalihom ukoll. Kien xtaq li l-attrici tmur tghix maghhom ghal ftit bit-tfal sakemm is-sitwazzjoni kienet ikkalmat izda ma riditx. Il-konvenut kien dispost li jirranga basta li l-attrici twaqqaf il-vjolin u taghmel dak li jghidilha.

Ikkonferma ukoll li l-attrici kienet sabet spy camera d-dar u anke GPS tracker mal-karozza taghha u kien jghassilha kull fejn tmur. Kienet anke sabet sustanza Ciniza li meta l-attrici uritielu kien fittex fuq l-internet u sab li dina kienet sustanza li zzidlek l-attivita' sesswali.

Isostni li l-attrici dejjem kienet hemm ghat-tfal u kienet tlahhaq ma' kollox, maghhom, mad-dar, max-xoghol u anke mal-attivitajiet taghhom.

Jispjega li l-attrici kienet tiftah qalbha ma' habib taghhom Patri Piju Sammut, izda l-konvenut kien irnexxielu jifthilha l-emails u kien ra dak li kienet tghidlu.

Jikkonferma ukoll li l-attrici kienet hadet xi affarijiet personali taghha u l-konvenut kien jaf ghaliex kien mar jara x'kienet hadet.

In kontro-ezami jghid li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali u kienet qed tghix f'post San Gwann u sa fejn kien jaf kienet qed tghix ma' JV li kien ir-ragel ta' oht il-konvenut. Sar jaf li kienet f'relazzjoni mieghu wara li telqet mid-dar.

**Ja M.** bint il-partijiet, tistqarr li ommha l-attrici kienet titkellem hafna maghha u kienet qaltilha li kienet tinstab imdejqa mal-konvenut. Tikkummenta fuq il-fatt li meta siefru mal-familja tal-konvenut, kienet ratha haga stramba li ommha ma kinitx tirkeb fil-karozza mal-konvenut u minflok kienet titla' fil-karozza ta' JV u tkompli tghinu bin-navigation.

Tammetti li kienet tinduna li l-attrici kienet tqatta' hafna hin fuq il-mobile u kienet gibdet l-attenzjoni tal-konvenut, li kien fittex fil-mobile taghha u sab il-messaggi taz-ziju u cioe' JV.

Meta l-attrici bdiet dina r-relazzjoni maz-ziju tghid li kien l-aghar zmien ghalihom ghax ommhom bdiet titraskurahom. Kienu iktar kalmi meta ommhom telqet mid-dar, izda tishaq li dina r-relazzjoni holqot hafna problemi.

**JM.** bin il-partijiet ukoll jikkonferma li kienu haduha bi kbira meta l-attrici kienet telqithom biex tkun maz-zijuhom. L-iktar li batew ighid kienu hutu t-tewmin ghaliex kienu l-izghar. Sadanittant baqghu jghixu ma' missierhom li kien jiehu hsiebhom.

In kontro-ezami jispjega li r-relazzjoni m'ommu kienet tajba u kienet tiehu hsiebhom. Illum minhabba l-affarijiet li graw bejn l-attrici u l-konvenut, ighid li r-relazzjoni m'ommu m'ghadhiex l-istess. Jikkonferma ukoll li l-attrici tiehu hsieb it-tewmin u tmur tigborhom u jiehdu gost imorru. Gieli jgergru imma ghax ikunu jridu joqoghdu onlajn ma' shabhom.

Ighid ukoll li minkejja li l-attrici kienet involuta fil-muzika u ddoqq il-vjolin qatt ma hass li cahditu milli jgawdiha.

**BM ,** bin il-partijiet, ikkonferma l-verzjoni ta' huh JM u zied ighid li meta kienu Slovenja, kuginuh kellu l-mobile ta' missieru JV u kien qed jilghab fuqu u fil-pront kien dahal messagg minghand l-attrici fejn kienet infurmatu li xtrat zarbun minghand hanut jismu Prima Donna u kien ifakkarha fih. Meta kkonfronta lill-attrici fuq dan il-messagg kienet talbitu sabiex ma jsemmi xejn quddiem missieru.

**WPC 59 Abigail Couldrey** ipprezentat erba' rapporti li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut.[2]

**<u>Manteniment</u>**

**Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-attrici.[3] Ipprezenta ukoll l -employment history tal-konvenut.[4]

**Yasmine Aswid** in rapprezentanza ta' Titan International Ltd. Ikkonfermat li l-konvenut jahdem mas-socjeta' li tirrapprezenta u pprezentat il-kuntratt ta'

---

[2] Dok. AC 1 – AC 4
[3] Dok. JSO 1
[4] Dok. JSO 2

impjieg tieghu.[5] Ipprezentat ukoll l-FS3 u payslip ta' 2018.[6] Tikkonferma li apparti l-bonuses tal-Gvern ma kien jircievi xejn iktar. Is-socjeta' thallaslu ukoll health u life insurance. Ipprezentat diversi payslips ohra.[7]

**Komunjoni tal-Akkwisti**

**Chantelle Chircop** in rapprezentanza tal-APS Bank pprezentat tlett dokumenti ta' kontijiet bankarji f'isem l-attrici.[8]

**Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezentat informazzjoni dwar vetturi appartenenti l-partijiet.[9]

## RESPONSABBILITA'

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che***

---

[5] Dok. TI1
[6] Dok. TI 2 u TI3
[7] Dok. TI 4
[8] Dok. KC 1 u KC 2
[9] Dok. KC 1 – KC 2

***offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew***

***agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Permess tar-rikors guramentat tal-attrici u l-kontro-talba tal-konvenut, it-tnejn rispettivament qed jattribwixxu l-htija lil xulxin, l-attrici tippremetti li l-konvenut rrenda l-hajja matrimonjali impossibbli minhabba adulterju, kif ukoll permezz ta' sevizzi, mohqrija, u theddid fil-konfront taghha. Filwaqt li fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut jippremetti li l-attrici kienet responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba li kkommettiet adulterju ma' JV , ir-ragel t'ohtu.

Mhux kontestat li ghall-bidu taz-zwieg taghhom, il-kontendenti kienu kuntenti u kienu familja li tati importanza lir-religjoni peress li kienu jiffurmaw parti minn komunita' Neo-Katekumenali. Il-partijiet jaqblu li l-inkwiet fiz-zwieg taghhom beda meta l-attrici bdiet tiehu lezzjonijiet tal-vjolin u l-ghalliem taghha kien heggigha sabiex tibda ddoqq fil-festi u anke biex tiehu sehem mal-orkestra nazzjonali. Kienet anke ddoqq fit-tigijiet u ghalhekk hafna drabi kienet tohrog meta jidhol il-konvenut. Kienet anke bdiet tistudja l-muzika l-Universita'.

L-attrici tattribwixxi l-fatt li harget tahdem minhabba li l-finanzi taghhom kienu baxxi u l-post taghhom kien ghadu mhux lest. Il-konvenut ma kkoopera xejn b'dina d-decizjoni, tant li beda jipprova jghawwi lit-tfal li l-attrici kienet tati priorita' lill-vjolin f'hajjitha qablu u qabel il-familja.

Il-konvenut beda jiffissa ukoll li l-attrici kienet f'relazzjoni ma' M l-ghalliem taghha tal-vjolin u anke ma' kollega iehor, izda provi fuq dan ma ngabux.

Ir-relazzjonijiet intimi bejniethom ukoll kienu rari u l-konvenut kien ighajjar lill-attrici li kienet mielha u tant kien ighajjarha li l-istess attrici bdiet tiffissa li verament seta' kellha problemi in kwantu jirrigwarda l-intimita'.

Problema serja li halliet timbru fuq iz-zwieg taghhom kien fil-perjodu li l-attrici kienet tqila bit-tieni wild, meta ohtha li kellha xi tlettax-il sena kienet tmur ghandhom u tghinha u takkuza lill-konvenut li kien juri l-parti intima tieghu lil ohtha. Il-konvenut ma jinnegax dina l-akkuza, anzi jtenni li jammetti li kien ta kunfidenzi zejda lil oht l-attrici u kien iddispjacih hafna u ried jaghmel dak kollox li kienet tixtieq l-attrici sabiex jikkuntentaha ghaliex kien jaf li dina kienet ser tkun ferita kbira ghaliha. Oht l-attrici, zmien wara ukoll ammettiet b'dak li kien gara mal-attrici u l-familjari taghha. Missier l-attrici addiritura kien dispost li jwaddab kollox fuq l-ixkaffa biex ma jaqlax iktar inkwiet fil-familja. Minkejja li mhux car jekk kienx hemm biss esposizzjoni tal-parti intima tal-konvenut jew jekk kien hemm ukoll xi forma ta' abbuz jew pedofilija, kif tirreferi ghalih l-attrici, jibqa' l-fatt li kien hemm "kunfidenzi zejda" li fic-cirkostanzi wassal biex dan iz-zwieg jibda jitmermer.

Dawn il-fatturi kkontribew sikurament ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg minhabba sevizzi u eccessi da parti tal-konvenut.

**L-Adulterju**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

… ***l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita***

***dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".***

Indubbjament m'hemmx kontestazzjoni li l-attrici llum tinstab f'relazzjoni ma' JV ir-ragel ta' oht il-konvenut. Il-konvenut jikkontendi li r-relazzjoni kienet ilha zmien ghaddejja u kien beda jissusspetta miz-zmien li kienu marru vjagg mal-familja kollha tieghu, ghaliex l-attrici kienet tidhol fil-karozza mieghu bit-tfal u nduna li kien hemm certi kunfidenzi zejda. Kien anke jsegwihom Malta u sar jaf li kienu jiltaqghu bil-mohbi gewwa l-garaxx ta' V.

L-attrici tinsisti li l-adulterju ma kienx il-kagun ta' separazzjoni, ghax il-problemi diga' kienu hemm, izda kienet tiftah qalbha ma' V u maz-zmien kienu saru jinhabbu.

Fil-gurisprudenza nostrana gie stabbilit illi minkejja l-adulterju huwa l-akbar aggravju, mhux necessarjament huwa dejjem il-kagun tal-firda, izda jista' jkun konsegwenza tal-problemi li z-zwieg habbat rasu maghhom. Fis-sentenza Rikors Numru 97/2013 fl-ismijiet **Patrick sive Patrick John Mulholland vs Simonette sive Simone Mulholland Borg deciza fl-20 ta' Ottubru, 2022** il-Qorti qalet hekk – "***Dina l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali u cioe' li z-zwieg <u>tkisser mhux minhabba l-adulterju</u> kommess da parti tal-partijiet, [*** *izda kien ilu jitkisser ghar-ragunijiet tad-djun li ghamlet il-konvenuta kif ser jigi spjegat iktar 'l isfel* ***].***

<u>**KURA U KUSTODJA**</u>

Mis-sottomissjonijiet tal-partijiet jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni ukoll li l-kura u kustodja tat-tfal tewmin I S  u I  ghandha tibqa' wahda kongunta.

Skond digriet  ta' dina l-Qorti datata 27 ta' Gunju, 2018, il-Qorti kienet ordnat li b'effett mill-1 ta' Awissu, 2018, it-tfal kellhom imorru jirrisjedu mal-konvenut fid-dar matrimonjali b'access favur l-attrici kuljum bejn id-9 am sal-5 pm bejn it-Tnejn u l-Gimgha, b'dan illi fid-9 am jingabru mill-omm u fil-5 pm jigborhom il-missier minghand l-omm. Fit-tmiem il-gimgha b'mod alternat mill-gimgha fil-5 pm sas-Sibt fil-5 pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fil- 5 pm sal-Hadd fil-5 pm.

L-attrici qed tinsisti li t-tfal it-tewmin urew ix-xewqa li jqattghu iktar hin m'ommhom u effettivament in realita' minkejja li jsegwu l-access il-primary carer tal-minuri hija l-attrici, peress li twassalhom l-iskola u wara jergghu jmorru ghandha u taghmel il-homework maghhom. Prattikament ittenni li jmorru ghand missierhom biex jorqdu biss. Izzid tghid li l-konvenut jaghmel hafna pressjoni u biza fuq il-minuri u jidduttrinahom sabiex ighidu li ma jridux ikunu m'ommhom.

L-attrici ukoll tinsisti li mid-data tad-digriet ghaddew erba' snin u peress li  JV huwa s-sieheb taghha u anke zijuhom, m'ghandhomx jigu mcahhdin minnu. In kuntrast hija l-verzjoni tal-ulied maggorenni tal-partijiet li jsostnu li l-minuri hassew hafna n-nuqqas ta' ommhom, izda hassewhom skomdi hafna bir-relazzjoni tal-attrici maz-ziju taghhom. L-istess ulied maggorenni kkummentaw dwar dina l-iskumdita' li temergi minn dina s-sitwazzjoni, izda ciononostante mat-trapass taz-zmien ir-relazzjoni mal-attrici regghet tjiebet u minkejja difficli, ftit ftit qed jitghallmu jaccettaw is-sitwazzjoni.

Dina l-Qorti tapprezza li kif zvolgew ic-cirkostanzi mhix sitwazzjoni idejali, partikolarment peress li r-relazzjoni hija bejn familjari u spiccaw sfaxxaw zewg familji. Tifhem ukoll li hemm dina l-iskumdita' li jhossu t-tfal kollha fil-presenza

ta' JV , li filli kien zijuhom u f'daqqa wahda iridu jharsu lejh bhala sieheb ommhom. Huwa accettabbli li jhossuhom konfuzi u li z-zmien biss itaffi.

L-attrici tipproponi diversi arrangjamenti fuq l-access bejn l-istaguni tax-Xitwa u s-Sajf[10] sabiex b'hekk jaqsmu l-gimgha u jkollhom bilanc ta' tlett sleepovers mal-missier vs erba' sleepovers mal-omm fi zmien l-iskola u peress li ma jaffettwax l-iskola, jistghu jqattghu erba' sleepovers mal-missier u tlett sleepovers mal-omm fil-granet tas-sajf.

Minkejja li l-attrici tinsisti fuq dan l-arrangjament biex b'hekk isserrah rasha li t-tfal ikollhom irqad decenti u fil-granet skolastici jkunu ssettiljati u f'rutina, dina l-Qorti mhix konvinta li dan l-arrangjament huwa fl-ahjar interess tal-minuri.

L-attrici donnha trid tippromuovi hajja u familja gdida li tista' tiffunzjona, ghax V dejjem gab ruhu sew ma' uliedha. Sfortunatament, dina l-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-attrici. Missierhom jibqa' missierhom u ma jistax jigi sostitwit anke jekk ghandu miljuni ta' difetti. Id-drittjiet tieghu hadd ma jista' jcahhadhomlu. Il-Qorti ghalhekk tifhem li c-cirkostanzi mhumiex wisq felici, minkejja li qalbu ghall-ahjar, izda hija difficli biex tigi ddigerita mill-minuri, iktar u iktar meta kull darba li jmorru ghand ommhom ikun hemm V peress li jghixu flimkien. L-irqad kontinwu fuq trapass ta' gimgha mhux fl-ahjar interess tal-minuri, sakemm ma jkunux disposti li jvarjaw l-access u jkunu ikbar u kapaci jiehdu d-decizjonijiet taghhom.

Inoltre, dak propost mill-attrici jinvolvi wisq *via e vai* li jmur kontra kwalsiasi stabbilita' li tixtieq l-attrici, partikolarment fil-granet ta' attendenza skolastika.

[10] Fol. 449 tal-process

Ghaldaqstant, l-access ghandu jibqa' jigi ezercitat skond id-digriet tas-27 ta' Gunju, 2018, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor.

**MANTENIMENT**

Ghal darb'ohra l-partijiet jidhru li huma in sintonija in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' manteniment. It-tnejn huma disposti li jikkontribwixxu ghall-manteniment tal-minuri u di piu' l-attrici hija anke disposta li tibqa' thallas ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha tal-istess minuri, fatt mhux ikkontestat mill-konvenut li hekk kienet taghmel.

Jirrizulta li llum, il-konvenut huwa dispost li jaqsam l-ispejjez edukattivi u tas-sahha mal-attrici, filwaqt kulhadd ihallas ghall-ispejjes ghall-hajja tal-istess minuri u dana stante l-arrangjament tal-access, li fuqha diga' dina l-Qorti ppronunzjat ruhha. Dan ir-ragunament huwa ghal kollox gustifikabbli.

Il-konvenut qed jinsisti pero' li l-childrens allowance jigi ppercepit minnu u dan peress li t-tfal minuri jqattghu izjed hin mieghu. Ghal Qorti jirrizulta iktar gust li dwar ic-childrens allowance dawn jigu ddepositati f'kont bankarju f'isem il-minuri u ghandu jigi amministrat mill-kontendenti.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Huwa fatt ikkontestat li d-dar matrimonjali hija parafernali ghall-konvenut. Mhux diskuss ukoll li l-partijiet kienu hadu self ta' Lm10, 000 mill-bank sabiex jikompletaw id-dar. Filwaqt li l-attrici qed tippretendi li tiehu sehemha minn dan is-self li thallas fiz-zwieg, il-konvenut qed jopponi ghal istess u dan meta l-attrici kkommettiet adulterju fil-konfront tieghu u kien dejjem hu li ghamel il-pagamenti, anzi l-attrici kienet zammet kull introjtu taghha fil-kontijiet bankarji taghha u ma kkontribwit bla ebda mod.

Ghalkemm dina l-Qorti rriteniet li l-adulterju kommess mill-attrici ma kienx il-kagun tal-firda, pero' kienet konsegwenzjali ghall-problemi li kien hemm fiz-zwieg. Jibqa' l-fatt li f'kaz ta' separazzjoni, dejjem jemergi l-obbligu ta' fedelta' u ghalhekk ma hemm xejn x'jista' jiggustifika l-attrici ghall-ghazliet taghha li tibni relazzjoni ma'  JV u addiritura tmur tghix mieghu.

In sostenn ta' dan ghalhekk, dina l-Qorti ser tilqa' s-sottomissjoni tal-konvenut li l-attrici ghandha titlef id-dritt ta' sehemha minn fuq dan is-self.

L-attrici qed tippretendi ukoll li tinghata lura curkett b'solitaire wiehed li kien inghata lilha bhala engagement ring, kif ukoll frame kbir ta' valur sentimentali b'bukkett fjuri nexfin li kienet tatha ommha. Qed tippretendi ukoll li tinghata *arbitrio boni viri* sehemha mill-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali.

Ma jirrizultax li tressqu provi f'dan is-sens u ghalhekk difficli ghal dina l-Qorti sabiex taghmel dina l-likwidazzjoni.

**<u>Dekadenza</u>**

Peress li l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili huwa tassattiv f'kazijiet ta' adulterju, ghalkemm kif diga' ssottolinejat dina l-Qorti mhix l-estrem l-iktar gravi f'dan il-kaz odjern, jibqa' l-fatt li gie kkommess u mieghu jgib il-konsegwenzi u cioe' d-dekadenza fi hdan l-Artikolu 48 sa 52 tal-Kodici Civili.

**<u>DIVORZJU</u>**

L-attrici qed titlob il-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-1 ta' Mejju, 1996 ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili.

Sabiex dina l-Qorti tkun tista' tghaddi sabiex takkorda l-hall taz-zwieg, jehtieg li jirrizultalha li m'hemmx cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li ghaddew tal-anqas erba' snin minn meta sseparaw u li ma jezistu l-ebda pendenzi rigward hlasijiet ta' manteniment.

Mill-assjem tal-provi, dina l-Qorti tista' tikkonkludi li l-partijiet ilhom *de facto* separati 'l fuq minn erba' snin. Ma jirrizultax li hemm cans ta' rikonciljazzjoni u dan meta l-attrici llum tinstab f'relazzjoni ma' JV . Gie ppruvat ukoll li m'hemmx problemi ta' pendenzi ta' manteniment.

Ghaldaqstant, jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex jinhall dan iz-zwieg.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-kontendenti;
2. Tichad it-tieni talba attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri b'mod konguntiv lill-partijiet rispettivament;
3. Tichad it-tielet talba attrici u tiffissa l-modalitajiet tal-access kif fuq imfisser;
4. Tichad ir-raba' talba attrici u tordna li l-hlas ta' manteniment isir kif fuq imfisser;
5. Tichad il-hames talba attrici;

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba u dan minhabba li l-attrici ddikjarat li mhix qed tippretendi hlas ta' manteniment minghand il-konvenut;
7. Tichad is-seba' talba attrici;
8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser;
9. Tichad id-disa' u l-ghaxar talba attrici;
10. Tichad l-hdax, tnax u tlettax-il talba attrici ghar-ragunijiet kif fuq imfissrin;
11. Tilqa' l-erbatax-il talba attrici;
12. Tilqa' l-hmistax-il talba attrici;
13. Tilqa' t-tlettax-il talba attrici.

<u>Kontro-Talba</u>

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba in parte u dan peress li l-konvenut irrenda ruhu ukoll hati tal-firda;
2. Tichad it-tieni kontro-talba attrici in kwantu l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun konguntiva b'dana li l-access ghandu jigi ezercitat skond kif fuq imfisser u peress li maz-zmien jidher li l-minuri jkunu ghand ommhom anke fil-presenza ta' JV, peress li jabita mal-attrici tichad it-talba tal-konvenut f'dan is-sens, filwaqt li jekk l-attrici ma tkunx tista' zzomm lill-imsemmija minuri fil-kura personali taghha, l-istess minuri ghandhom ikunu fil-kura tal-konvenut jew tal-bqija ta' huthom;
3. Tilqa' t-tielet kontro-talba in parte u tordna li l-hlasijiet ta' manteniment ghandhom isiru kif fuq imfissra;
4. Tilqa' r-raba' kontro-talba;

5. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-hames kontro-talba stante li llum l-attrici m’ghadhiex tghix fid-dar matrimonjali;
6. Tilqa’ s-sitt kontro-talba limitatament u skond kif imfisser iktar ‘l fuq;
7. Tichad is-seba’ kontro-talba stante li ma jirrizultawx provi;
8. Tilqa’ t-tmien kontro-talba;
9. Tilqa’ d-disa’ kontro-talba;

**L-ispejjes ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**